MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2013

Rikors Numru. 37/2012

**Deo Muscat ID No 86050(M)**

**vs**

**Maria Casha ID No 833033(M)**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

Illi l-esponenti flimkien ma hutu huma is-sidien tal-fond No. 4, Bordin Street, Msida liema fond qieghed mikri ghand l-intimata bhala residenza u dan ghall-ammont ta' mija hamsa u tmenin euro (€185) kull sena u jithallas bil-quddiem kull Jannar;

Illi l-intimata mhux talli m'hiex qed tuza dan il-fond bhala residenza taghha izda sahansitra abbandunnat il-fond mikri lilha fuq imsemmi;

Illi l-intimata kkagunat ghad ta' hsarat fil-fond hawn fuq deskritt minhabba n-nuqqas ta' manutenzjoni tant li rrenditu mhux abitabbli u sahansitra qeghda toqghod x'imkien iehor;

Illi l-intimata giet interpellata sabiex tivvaka mill-fond permezz ta' ittra ufficjali f'Ottubru, 2011.

Ghaldaqstant, l-esponenti bir-rispett jitolb lil dan il-Bord jiddikjara bhala terminata l-kirja inkiwstjoni u konsegwentement jordna lill-intimata tizgombra mill-fond u tawtorizza lill-istess esponenti li jirriprendi l-pussess tal-fond No. 4, Bordin Street, Msida u dan fiz-zmien qasir u perentorju li jigi ffissat lill-intimat ghal dan l-iskop.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

Rat illi l-intimata ammettiet it-talbiet tar-rikorrenti skond kif registrat fil-verbal tas-seduta tal-10 ta' Jannar, 2013;

Stante ammissjoni l-Bord qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u qed jipprefigi zmien tletin (30) jum mil-lum ghal-fini ta' zgumbrament;

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------